## FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, it-Tlieta 9 ta’ Frar, 2016

**Kawża Numru 22**

**Ċitazz. Nru. 153/99JRM**

Tarcisio **SALIBA**

vs

Donald **BORĠ** u martu Antonia magħrufa bħala Tania Borġ

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta’ Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti (i) issib li l-imħarrkin għandhom iħallsuh is-somma ta’ sebat elef u seba’ mija u tnejn u sebgħin liri Maltin u sitta u għoxrin ċenteżmi (Lm 7,772.26)[1] bħala bilanċ ta’ prezz ta’ xogħol mogħti magħmul minnu lill-imħarrkin f’appalt lilu mogħti minnhom, it-Taxxa tal-Valur Miżjud fuq dak il-bilanċ u kif ukoll il-prezz ta’ tagħmir u materjal li ttieħdu mill-post fejn kien sar ix-xogħol; u

[1] Li jġibu €18,104.50 fi flus tal-lum

(ii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuh dik is-somma. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet kummerċjali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-10 ta' Awwissu, 1999, li biha l-imħarrkin laqgħu għat-talba attriċi billi qalu li s-somma mitluba hija wisq u mhux dik li kienet miftehma, u minbarra dan, ix-xogħol li għamel l-attur ma sarx sewwa u kif jitolbu s-sengħa u l-ħila. Żiedu jgħidu li, minħabba x-xogħol ħażin li għamel l-attur, terzi persuni ġarrbu danni u dwar dan infetħu proċeduri oħrajn fil-Qorti kontra tagħhom[2]. Ċaħdu li huma jaħtu għal xi teħid jew serq ta' tagħmir jew materjal li l-attur seta' ħalla fuq il-lant tax-xogħol;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Frar, 2000[3], li bih ħatret lill-perit arkitett Rene' Buttiġieġ bħala perit tekniku biex jirrelata dwar ix-xogħol mogħti mill-attur u dwar il-kwalita' tal-istess;

Rat ir-rapport imressaq mill-imsemmi perit tekniku fil-15 ta' Diċembru, 2003[4], u minnu maħluf kif imiss waqt is-smigħ tad-19 ta' Mejju, 2004;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2004[5], li bih tat żmien lill-attur iressaq Nota ta' Kritika dwar ir-rapport tal-perit tekniku;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2004[6], li bih laqgħet talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tal-1 ta' Novembru, 2004, biex jitħallew jeskutu lill-perit tekniku bħala xhud tagħhom;

Rat in-Nota ta' Kritika mressqa mill-attur fid-9 ta' Novembru, 2004[7];

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Novembru, 2004[8], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistant Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-perit tekniku eskuss fid-dar tiegħu minħabba l-indispożizzjoni tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Novembru, 2005[9], li bih u fuq talba magħmula mill-perit tekniku eskuss b'rikors tiegħu tal-5 ta' Ottubru, 2005, tat direttivi dwar it-tweġiba min-naħa tiegħu tal-mistoqsijiet magħmulin lilu mill-imħarrkin;

---

2 Ara Ċitazz. Nru. 643/1997FDP maqtugħa fit-12.7.2002 (mhix appellata)
3 Paġġ. 20 – 1 tal-proċess
4 Paġġ. 43 sa 91 tal-proċess
5 Paġ. 219 tal-proċess
6 Paġ. 223 tal-proċess
7 Paġġ. 224 – 7 tal-proċess
8 Paġ. 229 tal-proċess
9 Paġ. 253 tal-proċess

Rat li l-perit tekniku eskuss laħaq miet qabel ma wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu in eskussjoni u l-atti tal-kawża kienu jinsabu fil-pussess tiegħu;

Rat in-Nota tar-reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali tat-3 ta' Mejju, 2007[10], li biha għarraf lill-Qorti li kienu qegħdin isiru arranġamenti mal-werrieta tal-perit tekniku biex jirrintraċċaw il-proċess u jrodduh lura lill-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, wara li l-atti tal-kawża nġabu mill-ġdid quddiemha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża dwar ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħol magħmul f'appalt u għall-ħlas tal-prezz ta' tagħmir u materjal tal-bini li ttieħed mill-post. L-attur jgħid li tqabbad mill-imħarrkin biex jagħmel xogħlijiet f'appartament tagħhom li kien diġa mibni u li jiġi fuq bini ta' ħaddieħor u, minkejja li wettaq ix-xogħol li seta' jagħmel, baqa' ma tħallasx il-bilanċ tal-prezz miftiehem, flimkien mar-rata ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq dak il-bilanċ. Minbarra dan, jgħid li meta mar biex ineħħi l-armar, sab li xi tagħmir u wkoll materjal tal-bini li ma ntużax ma kinux għadhom aktar fil-post u jrid prezzhom;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li s-somma mitluba hija wisq u mhux dik li kienet miftehma, u minbarra dan, ix-xogħol li għamel l-attur ma sarx sewwa u kif jitolbu s-sengħa u l-ħila. Żiedu jgħidu li, minħabba x-xogħol ħażin li għamel l-attur, terzi persuni ġarrbu danni u dwar dan infetħu proċeduri oħrajn fil-Qorti kontra tagħhom[11]. Ċaħdu li huma jaħtu għal xi teħid jew serq ta' tagħmir jew materjal li l-attur seta' ħalla fuq il-lant tax-xogħol;

Illi l-<u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-imħarrkin huma s-sidien ta' post bl-isem ta' "*Sunset*" li jinsab fi Triq is-Sikka kantuniera ma' Triq Manwel Anton Caruana, f'Baħar iċ-Ċagħak. Il-post tagħhom jiġi fuq post ta' ħaddieħor. Għall-ħabta tal-1995, huma riedu jibdew xogħol fil-post bi tneħħija ta' xi ħitan, bdil ta' waħda mill-faċċati li jagħtu fuq barra,

[10] Paġ. 261 tal-proċess
[11] Ara Ċitazz. Nru. 643/1997FDP maqtugħa fit-12.7.2002 (mhix appellata)

titligħ ta' sular ġdid, bdil tas-soqfa u l-bini ta' kamra fuq il-bejt, fost oħrajn. Dwar dan, huma applikaw għall-ħruġ ta' permessi min-naħa tal-Awtorita' kompetenti, liema permessi nħarġu f'Novembru ta' dik is-sena[12];

Illi f'Lulju tal-1996 l-imħarrkin qabbdu lill-attur, li huwa kuntrattur, biex jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa. Dwar ir-rati, ftiehmu bil-fomm u ma kitbux dak li ftehemu, la f'dak li jirrigwarda r-rati u lanqas dwar iż-żmien li fih ix-xogħol kellu jintemm;

Illi l-ewwel ma kellu jsir kien xi twaqqigħ, iżda x-xogħol kien twaqqaf minħabba li għaddew xi ġimgħat qabel ma impjegati tal-Enemalta ġew jaqilgħu l-*cables* minn mal-faċċata u seta' jitkompla x-xogħol[13]. Sakemm kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, l-imħarrkin krew post għal xi żmien f'Wied il-Għajn[14];

Illi hu u għaddej ix-xogħol fil-livell tat-tieni sular, f'Marzu tal-1997, l-Awtorita' tal-Ippjanar sabet li mhux ix-xogħol kollu li kien qiegħed isir kien kopert b'permess tal-iżvilupp u ordnat li x-xogħol jitwaqqaf billi ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq[15];

Illi f'April tal-1997[16], il-perit imqabbad mill-imħarrkin biex jissorvelja x-xogħlijiet ħareġ kontijiet tax-xogħol imkejjel sa dak iż-żmien u li kien itella' s-somma ta' għaxart elef seba' mija u tnejn u tmenin Lira Maltin u sitta u disgħin ċenteżmi (Lm 10,782.96);

Illi l-imħarrkin ħallsu lill-attur b'kollox ħamest elef Lira Maltin (Lm 5,000) fi ħlasijiet b'rati[17], bl-aħħar wieħed minnhom isir fil-15 ta' Ottubru tal-1997[18];

Illi għal xi żmien li matulu x-xogħol dam wieqaf, l-imħarrkin jgħidu li billi ma kienx hemm bieb fil-faċċata, daħlu xi nies fil-post u minnu nsterqulhom xi affarijiet[19];

Illi fis-6 ta' Novembru, 1997[20] inħareġ il-permess mill-Awtorita' kompetenti li awtorizzat is-sanzjonar ta' xogħlijiet ġodda fil-post;

Illi meta l-attur mar jaqla' x-*shuttering* mill-post tal-imħarrkin f'Diċembru tal-1997, sab li dan ma kienx aktar hemm bħalma wkoll ma kinux

[12] Dok "RB1", f'paġġ. 92 – 4 tal-proċess
[13] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 194 tal-proċess
[14] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 216 tal-proċess
[15] Dok f'paġ. 172 tal-proċess
[16] Dokti "PC1"sa "PC2", f'paġġ 108 sa 121 tal-proċess
[17] Dokti "C1" sa "C5", f'paġġ. 8 – 12 tal-proċess
[18] Dok "DB2", f'paġ. 160 tal-proċess
[19] Xhieda tal-imħarrek f'paġ. 194 tal-proċess
[20] Dok f'paġġ. 170 – 1 tal-proċess

għadhom hemm xi serratizzi u fallakki u mal-mitt (100) *brick* tal-konkrit. Sab ukoll li xi xogħol li l-imħarrkin kienu qabbduh jagħmel – l-għoti tal-kontro-bejt – kien sadattant sar minn ħaddieħor. L-attur ħa għalih u għarraf lill-imħarrkin li ma kienx ser ikompli bix-xogħol jekk kemm-il darba ma jintraddulux lura l-affarijiet li sab neqsin;

Illi fis-6 ta' Frar, 1998[21], il-perit ħareġ kontijiet riveduti tax-xogħol magħmul mill-attur u li tkejjel wara li l-attur intalab mill-avukat tal-imħarrkin biex ma jkomplix;

Illi fl-20 ta' Marzu tal-1998, l-attur interpella lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex iħallsuh il-bilanċ, iżda billi l-ħlas baqa' ma sarx, fetaħ din il-kawża fit-22 ta' Jannar tal-1999;

Illi mill-kostatazzjonijiet li saru mill-perit imqabbad mill-Qorti, ħareġ li l-imħarrkin ilmentaw li l-pedati tat-taraġ li jagħti għall-bejt ma kellhomx l-istess refgħa, li l-wiċċ tal-bejt kien jaqleb fil-livelli u li xi xogħol tal-ġebel kien imqabbeż jew bil-qlib. Sab ukoll li l-bini mtella' mill-attur kien jaqbel u konformi mal-permessi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti. Sab ukoll li l-ammont sħiħ ta' xogħol li l-attur ta sakemm tħalla jwettaq l-appalt kien ta' għaxart elef seba' mija u tlettax-il Lira Maltin u tlieta u sebgħin ċenteżmi (Lm 10,713.73), filwaqt li huwa kien tħallas b'kollox sebat elef mija u wieħed u tletin Lira Maltija (Lm 7,131)[22];

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jintrabtu mal-każ iridu jiġu mistħarrġa fil-qafas tal-kostatazzjonijiet magħmulin mill-perit tekniku fir-Relazzjoni tiegħu. Dan jingħad għaliex huwa kellu opportunita' jifli l-provi li tressqu mill-partijiet, u wkoll li jara b'għajnejh ix-xogħol li kien sar u minn min. Ir-raġunament imfisser fir-Rapport imressaq mill-imsemmi perit jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti tista' toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[23]. Għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[24], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u

[21] Dokti "PC4" sa "PC6", f'paġġ 122 sa 136 tal-proċess
[22] Ara Dok "DB3", f'paġ. 161 tal-proċess
[23] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***
[24] Art. 681 tal-Kap 12

m'għandux jitwarrab faċilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[25];

Illi bil-liġi huwa mogħti l-jedd lill-appaltant li, x'ħin irid, itemm il-ħatra mogħtija minnu lill-appaltatur, ukoll jekk dan ikun beda jwettaq ix-xogħlijiet miftehma[26]. Imma l-liġi tagħraf bejn twaqqif tal-appaltatur għal raġuni tajba u twaqqif bla raġuni tajba: dan l-għarfien jikkonsisti fl-għamla ta' kumpens differenti li l-appaltant ikun irid jagħti lill-appaltatur imwaqqaf. Għalhekk, il-liġi trid li jekk l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni tajba, l-appaltant irid iħallsu tax-xogħol li jkun laħaq tlesta u tal-ispejjeż għax-xiri tal-materjal, wara li jittieħed qies tal-ħsara li jkun ġarrab il-ġid tal-appaltant qabel ġie mwaqqaf ix-xogħol[27]. Jekk, min-naħa l-oħra, l-appaltatur jitwaqqaf għal raġuni li mhix tajba, il-liġi trid li l-appaltatur jitħallas kemm tax-xogħol li jkun laħaq ta, kif ukoll tal-ispejjeż kollha li jkun nefaq, magħduda magħhom somma meqjusa mill-Qorti, liema somma ma tkunx akbar mill-qligħ li l-appaltatur kien jirreġistra kieku tħalla jtemm l-appalt[28];

Illi dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-appaltant;

Illi jekk kemm-il darba l-appaltant minn rajh iħoll il-kuntratt ta' appalt li jkun ta lill-appaltatur, mingħajr ma jkun hemm kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim, l-appaltant ma jistax jinqeda bl-iskuża tal-eżistenza tal-kundizzjoni riżoluttiva taċita (li hija bil-liġi[29] meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. F'każ bħal dan huwa dejjem mistenni li tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-ħall tal-kuntratt. Jekk l-appaltant jieħu u japplika waħdu deċiżjoni f'dan is-sens, iqiegħed ruħu fil-pożizzjoni li jrid iwieġeb għall-appaltatur skond ma trid il-liġi fl-artikolu 1640(2)[30];

Illi l-appaltatur ma jistax jitlob il-ħlas ta' appalt li huwa ma jtemmx jew li jagħmel ħażin, u l-azzjoni tiegħu għall-ħlas għandha tiġi miċħuda għaliex tkun saret qabel waqtha. Imma l-intempestivita' tintemm jekk kemm-il

[25] App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)
[26] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[27] Art. 1640(3) tal-Kap 16
[28] Art. 1640(2) tal-Kap 16
[29] Art. 1068 tal-Kap 16
[30] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Sacco vs John Camilleri***

darba l-appaltant iqabbad minn rajh li ħaddieħor itemm ix-xogħlijiet jew jirranġahom[31] u ma jagħtix lill-appaltatur opportunita' li jagħmel dan;

Illi, madankollu, ukoll fejn ix-xogħol ma jkunx twettaq kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar, l-aktar jekk ikun qabbad lil ħaddieħor biex ikomplih[32];

Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta' xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-appaltant biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti għal dan[33];

Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-appaltant ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[34]. Fil-każ preżenti, jirriżulta li f'xi żmien, l-imħarrkin kienu qabbdu lil ħaddieħor jagħti l-kontro-bejt meta dan kien xogħol li kienu ftiehmu li kellu jagħmlu l-attur. Kemm hu hekk, l-attur kien diġa' rama x-*shuttering* għall-għoti tas-saqaf il-ġdid qabel ma x-xogħol twaqqaf minħabba l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq, u meta mar biex ikompli, sab li ħaddieħor kien daħal fuq xogħlu. Din l-imġiba turi li l-imħarrkin ma qagħdux wisq ma' dak li trid minnhom il-liġi u ma jidhirx li kien hemm xi raġuni tajba biex iwaqqfu lill-attur. Għalhekk, iridu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi li ssemmew aktar qabel;

Illi madankollu lanqas ma jitqies li seħħ inadempiment kuntrattwali jekk ix-xogħlijiet ikollhom nuqqasijiet jew difetti, imma dawn ma jkunux sostanzjali[35]. F'każ bħal dan, l-appaltatur għandu jintalab jew li jagħmel it-tiswijiet jew bidliet meħtieġa, jew jaċċetta tnaqqis fil-ħlas. Biex nuqqasijiet ikunu meqjusa sostanzjali jew essenzjali, iridu jkunu ta' kobor tali li jew l-oġġett ma jkunx tajjeb għall-għan li għalih kien intalab jew li l-ħsara mġarrba mill-appaltant tkun b'mod li l-ħaġa mogħtija ma jifdlilha l-ebda siwi[36];

---

[31] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Sciberras et vs Anthony Montebello pro et noe***
[32] App.Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bezzina et vs Joseph Attard et***
[33] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[34] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
[35] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Schembri vs Emanuel Caruana***
[36] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Stivala noe vs Hector Borġ pro et***

Illi f'dan il-każ, il-perit tekniku wasal għall-fehma li bosta mill-ilmenti li qajmu l-imħarrkin f'din il-kawża ma kenux mistħoqqa, għallanqas fil-konfront tal-attur. Minbarra dan, joħorġu żewġ ċirkostanzi oħrajn li wkoll jagħmlu parti mill-ilment tal-imħarrkin u li l-Qorti jidhrilha li għandha tqishom. L-ewwel wieħed hu li meta l-attur mar fuq is-sit biex ikompli x-xogħol, sab ħwejjeġ nieqsa minn fejn kien ħallihom. It-tieni waħda hi dwar id-danni li saru fil-post ta' taħt dak tal-imħarrkin;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tqis li l-post kien mibni diġa' meta l-attur twaqqaf milli jkompli x-xogħlijiet bil-ħruġ tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq. L-imħarrek innifsu jilminta li fil-post kien hemm għamara u tagħmir ieħor tad-dar. Kienet responsabbilta' tal-imħarrkin li jiżguraw li l-post tagħhom ikun imħares sewwa, imqar jekk dak iż-żmien huma kienu krew u marru joqogħdu band'oħra sakemm jintemmu x-xogħlijiet. Il-Qorti ma ssibx li hija mistħoqqa l-allegazzjoni tal-imħarrek li, sakemm kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, xiħadd daħal fil-post tagħhom u seraqhom. B'din l-allegazzjoni, l-imħarrek ma jistax ifarfar minn fuqu r-responsabbilta' li kellu biex jieħu ħsieb li xejn minn ħwejjeġ l-attur ma jittieħdu mill-post fejn tħallew. Minbarra dan, jirriżulta li, sa ma l-attur reġa' mar biex ikompli jwettaq il-ħatra tiegħu u b'sejħa mill-imħarrkin infushom, kienu ddaħħlu ħaddiema oħrajn li komplew xi xogħol, u kien jaqa' fuq l-imħarrkin li jieħdu ħsieb li ma jsir xejn li bih ħwejjeġ l-attur setgħu jintmessu;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, l-imħarrkin jgħidu li, bi ħtija tal-attur, kellhom iseffqu wiċċhom ma' azzjoni tad-danni min-nies li kienu jgħixu fil-post ta' taħthom meta daħlilhom l-ilma mis-saqaf wara ħalba xita qawwija. Huwa minnu li s-sidien tal-post ta' taħt – il-miżżewġin Galea – kienu fetħu kawża għad-danni kontra l-imħarrkin[37] u li ngħataw raġun b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2002[38], iżda r-raġuni għaliex daħal l-ilma fil-post ta' Galea ma kienx jaħti għaliha l-attur, li lanqas biss kien issejjaħ fil-kawża msemmija u għalhekk is-sentenza msemmija ma tagħmilx stat fil-konfront tiegħu. Il-perit imqabbad mill-Qorti sab li l-attur ma jistax jitqies responsabbli għad-dħul tal-ilma fil-fond tal-miżżewġin Galea, ladarba f'dak iż-żmien ix-xogħol kien twaqqaf mill-awtoritajiet u l-imħarrkin ma kinux ħadu prekawzjonijiet biex jaraw li, sakemm is-saqaf ikun maqlugħ, ma jiġri xejn li jista' jkun ta' ħsara għall-post ta' taħthom;

Illi għaldaqastant, safejn l-imħarrkin iridu jistrieħu fuq dawn iż-żewġ difiżi sabiex ikollhom raġuni ma jħallsux l-ammont mitlub mill-attur, il-Qorti ma tarax li dawn huma raġunijiet mistħoqqa li joħorġu mill-provi miksuba;

[37] Ara Dok f'paġġ. 173 – 7 tal-proċess
[38] *Ibid.* f'paġġ. 178 sa 184 tal-proċess

Illi l-imħarrkin jilmintaw ukoll mill-fatt li l-attur talabhom prezz eżaġerat u aktar mir-rati miftehma. Jibda biex jingħad li l-partijiet ma kinux niżżlu f'kitba dak li tkellmu u ftehmu dwaru. Min-naħa l-oħra, kull darba li l-attur ressaq rendikont mal-perit imqabbad (mill-imħarrkin) biex jissorvelja x-xogħlijiet, dan ħareġ il-kontijiet relattivi skond ir-rati li semmielu l-attur. Għall-bidu, l-imħarrkin ħallsu b'mod ratejali skond ir-rati mitluba mill-attur u bla ma lmentaw kemm kienu għolja. Kien biss wara li nqala' l-episodju tat-teħid tal-armar u t-tagħmir tal-attur mill-post li l-imħarrkin bdew jilmintaw mill-kontijiet maħruġa mill-perit imqabbad minnhom stess u talbuh joħroġ kontijiet oħrajn riveduti. Ma huwiex ċar jekk it-talba attriċi għall-bilanċ tal-prezz hijiex imsejsa fuq il-kontijiet oriġinali tal-perit jew fuq dawk riveduti. Iżda dawn il-kontijiet kollha kienu disponibbli għall-eżami b'reqqa tal-perit maħtur mill-Qorti li qal bla tlaqliq li l-kontijiet maħruġa mill-perit imqabbad mill-imħarrkin kienu jirrispettaw ir-rati li bihom kien imur ix-xogħol fiż-żmien li saru x-xogħijiet fid-dar tal-imħarrkin;

Illi wara li qies dawn il-fatturi kollha, il-perit tekniku wasal għall-fehma li b'kollox (jiġifieri meta jittieħed qies ix-xogħol ta' twaqqigħ ta' ħitan, l-armar tax-*shutter*) l-attur kien jistħoqqlu jitħallas għaxart elef seba' mija u tlettax-il Lira Maltin u tlieta u sebgħin ċenteżmi (Lm 10,713.73). Il-kwestjoni tal-ħlas tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud kienet iċċarata mill-attur fin-Nota ta' Kritika mressqa minnu u għalhekk, ladarba l-attur semmiha "bi żvista" [39] fir-raba' premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni, l-Qorti sejra tqis li l-prezzijiet u l-kont maħruġ mill-perit imqabbad mill-imħarrkin kienu prezzijiet "*VAT inclusive*";

Illi l-attur jgħid li l-imħarrkin ħallsuh ħamest elef Lira (Lm 5,000) akkont u ressaq kopji ta' riċevuti li ħareġ huwa nnifsu. L-imħarrkin jgħidu li ħallsu aktar minn hekk. L-imħarrkin għandhom raġun u dan urewh bi provi fis-sura ta' riċevuta u prospett li l-attur ma ċaħadx u lanqas ikkontesta[40]. Biċċa minn dan il-ħlas sar mill-imħarrkin direttament lil min ipprovda l-materjal u b'hekk l-attur ġie li ffranka li joħroġhom minn butu u ntgħaddu max-xogħol li huwa ta[41]. Meta jinħadmu dawn ir-riċevuti, joħroġ li l-imħarrkin ħallsu lill-attur b'kollox sebat elef mija u wieħed u tletin Lira Maltin (Lm 7,131);

Illi l-perit tekniku sab li l-pretensjoni tal-attur dwar il-prezz tal-armar, tagħmir u materjal li kien ħalla fil-post u li ma sabhomx hemm meta reġa' mar fuq il-lant kienet pretensjoni mistħoqqa. B'rabta ma' dak li qalet aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti ssib li għal dan in-nuqqas iridu

---

[39] Ara paġ. 224 tal-proċess
[40] Ara Dok "DB3", f'paġ. 161 tal-proċess
[41] Hawnhekk issir riferenza għall-ħlas lil Ray Micallef għall-provvista tal-konkos tal-bjut

jagħmlu tajjeb l-imħarrkin. Il-perit tekniku qies li l-prezz ta' dawn il-ħwejjeġ jitla' għal mitejn u tnax-il Lira (Lm 212). Dawn sejrin jintgħaddu mal-bilanċ dovut lill-attur;

Illi kif ingħad, l-imħarrkin qajmu wkoll l-eċċezzjoni li x-xogħol mogħti mill-attur ma kienx tajjeb u lanqas sar kif jitolbu s-sengħa u l-ħila jew ilgħaliex ix-xogħol iddawwar biex sar. Qalu wkoll li xi xogħol li l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tiegħu ma sarx. Il-perit maħtur mill-Qorti wettaq eżerċizzju mirqum dwar dawn l-ilmenti, billi mexa sular b'sular fejn saru x-xogħlijiet[42]. L-imsemmi perit sab biss li, mill-ilmenti kollha mqajma mill-imħarrkin, l-attur kien naqas milli jibni l-gallarija skond ma kienet imfassla fil-pjanta approvata. Dwar l-ilmenti l-oħrajn, il-perit sab li jew dawn ma kinux difetti ġejjin mix-xogħol kif mogħti mill-attur, jew li l-ħsarat ġraw minħabba xogħol ħażin li sar minn snajja' oħrajn li ħadmu fuqhom wara u li dwarhom ma jistax iwieġeb l-attur. Il-perit wera l-istess fehma dwar il-ħsarat li ġraw fil-post tal-miżżewġin Galea, li jiġi taħt dak tal-imħarrkin fejn saru x-xogħlijiet mertu tal-każ. Dwar id-dewmien, il-fatti juru li ladarba bla mistenni l-attur kellu jieqaf mix-xogħol għal xi xhur meta nħareġ l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq, u ladarba ma kienx inqabel żmien speċifiku li fih ix-xogħlijiet kellhom isiru, l-ilment tal-imħarrkin f'dan ir-rigward ma jmissux jintlaqa'. Il-Qorti ssemmi wkoll li d-dewmien biex jinbeda x-xogħol tat-twaqqigħ tal-faċċata tad-dar tal-imħarrkin ġara minħabba li għadda żmien ta' tliet xhur sakemm impjegati tal-Enemalta qalgħu l-gumni tad-dawl minn mal-bini: hawnhekk ukoll, l-attur ma jaħti xejn għal dan;

Illi dwar il-gallarija, ma jidhirx li l-attur qiegħed jitlob ħlas għal xogħol li ma wettaqx u għalhekk il-Qorti ma tarax li l-ilment tal-imħarrkin huwa mistħoqq jew li għandha tillikwida – bħalma għamel '*arbitrio boni viri*' l-perit maħtur minnha – somma għad-danni ta' xiħaġa li ma saritx. Wara kollox, kif tajjeb osserva l-perit tekniku, kull fażi tax-xogħol kienet issir taħt is-sorveljanza tal-perit imqabbad mill-imħarrkin u dan ma ġibidx l-attenzjoni tal-attur li kien naqas li jagħmel il-gallarija. Hemm ukoll iċ-ċirkostanza li, minħabba l-episodju tat-teħid tal-armar u t-tagħmir tal-attur mill-post u l-ħatra ta' bennej ieħor biex ikompli x-xogħlijiet, ma jistax jingħad li kieku l-attur tħalla jtemm kulma kien tqabbad jagħmel ma kienx itemm ukoll ix-xogħol tal-bini tal-gallarija;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tasal biex issib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa għalkemm mhux fis-somma mitluba mill-attur. Għall-finijiet tal-istess talba, il-Qorti qiegħda

[42] Rapport peritali f'paġġ. 74 sa 88 tal-proċess

tillikwida s-somma li l-imħarrkin iridu jħallsu lill-attur fl-ammont ta' tmint elef tmien mija u disgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€ 8,839.33)[43];

Illi dan ifisser li t-tieni talba sejra tintlaqa' wkoll u safejn jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-imħarrkin dawn ma jidhrux mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin għandhom iħallsu lill-attur is-somma ta' tmint elef tmien mija u disgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€ 8,839.33) bilanċ ta' prezz ta' xogħol magħmul mill-attur fil-post tal-istess imħarrkin u l-prezz ta' materjal, armar u tagħmir tal-attur li naqas mill-istess post;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-atturi is-somma ta' tmint elef tmien mija u disgħa u tletin euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€ 8,839.33), flimkien mal-imgħax fuq is-somma likwidata b'seħħ mit-28 ta' Lulju 1999 sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Dwar **l-ispejjeż tal-kawża** u bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li dawn jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, minħabba li l-ammont likwidat huwa anqas minn dak mitlub mill-attur fl-Att taċ-Ċitazzjoni.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Frar, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**9 ta' Frar, 2016**

[43] € 24,956.28 + € 493.83 - € 16,610.78 = € 8,8,39.33